MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Avviz Numru. 108/2010

**Joseph Caruana**

**(ID 97952M)**

**vs**

**Mario Calleja u Victor Camilleri**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 30 ta' Marzu 2010 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu ipubblikati t-tnejn li huma fuq il-gurnal il-Mument fl-24 u 31 ta'

Jannar 2010 intitolati '**Tbaghbis ma' tender f'Marsascala**' u '**Tbaghbis ma' tender f'Marsascala/Knsillier Laburist jispjega ghaliex kien ha l-kontenut ta' zewgt offerti**", talab lill-Qorti tiddikjara illi dawna z-zewgt artikolu kienu malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk talab lill-istess Qorti biex tikkundanna lill-itnimati ihallsuh danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' Mario Calleja ippresnetata fil 11 ta' Mejju 2010 fejn sahaq illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi huwa ma huwiex l-awtur ta' l-artikolu u bl-ebda mod ma kien kompartecipi f'dak hemm miktub filwaqt illi sahaq li, fil-meritu, dak kollu hemm rappurtat kien il-verita' tal-fatti.

Rat ir-risposta ta' Victor Camilleri ippresentata fil 31 ta' Mejju 2010 fejn laqa billi qal illi, preliminarjament il-pubblikazzjoni hija privileggjata taht l-Artikolu 33 (b) tal-Kap 248 filwaqt illi sahaq illi l-kitba tikkonsisti f'rapport ta' procedimenti korretti koperti mill-Artikolu 12A tal-Kap 248. Camilleri imbgha stqarr illi l-pubblikazzjoni ma kienetx libelluza peress illi dina gie tippubblikata uniakment sabiex il-qarrejja tieghu jkunua korrent ta' dak illi qieghed jigri u dan in linea mad-dmir illi huwa ghandu sabiex iwassal ahjarjiet u fehmiet pubblici.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Caruana** ippresentat fl 1 ta' Marzu 2011 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghat ix-xhieda ta' **Mario Calleja** moghtija fl-4 ta' Lulju 2011.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Caruana moghtija fil 5 ta' Dicembru 2011, fis 7 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Lawrence Ciantar**, kunsilleri fil-Kunsill Lokali Marsaskala moghtija fis 26 ta' Ottubru 2012.

Rat illi fit 30 ta' Setembru 2013 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet il-kontro ezami ta' Joseph Caruana illi inghata fit 30 ta' Settembru 2013.

Semghet ir-riezami ta' Joseph Caruana moghtija fil 15 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' Mario Calleja moghtija fis 7 ta' Marzu 2014 kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet il-kontro ezami ta' Mario Calleja illi saret fil 15 ta' Dicembru 2014.

Rat illi l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw fil 15 ta' Dicembru 2014.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abblid ifensuri tal-partijiet illi saret fit 23 ta' Frar 2015,w ara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent kien is-Segretarju ezekuttiv tal- Kunsill Lokali Marsaskala, u dana ghal madwar tmien snin, filwaqt illi l-intimat Mario Calleja huwa is-Sindku tal-Kunsill Lokali Marsaskala.

Jirrizulta illi ir-rikorrent kien ukoll Segretarju Ezekuttiv waqt illi l-intimat, Mario Calleja, kien Sindku ghal madwar erbgha snin, izda, mument minnhom, jidher illi l-pusizzjoni tar-rikorrent fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ma baqghetx aktar vijabbli u huwa tnehha minn tali kariga u eventwalment gie appuntat bhala Segretarju Ezekuttiv f'kariga ohra.

Jirrizulta illi l-kwistjoni kollha illi wasslet ghat-tnehhija tar-rikorrent mill-pusizzjoni ta' Segretarju Ezekuttiv kien tender illi kien inhareg mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala intitolat 'Supply & Installation of Litter Bins and Benches'.

Jirrizulta illi wara illi nharget it-tender, il-Kunsill Lokali kien ircieva diversi offerti illi kellhom jigu kkunsidrati minnhom.

Jirrizulta illi, wara illi nghalqu t-tenders, ir-rikorrent, illi dak il-hin kien ghadu Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, fetah id-diversi offerti u, wara illi evalwahom, elenkahom f'ordni ta' l-irhas offerti u eventwalment gharraf lill-kunsilliera li kienu qed jiehdu hsieb jevalwawhom sabiex jivverifikaw l-offerti illi saru bil-ghan illi jigu eventwalment ppresentati lill-Kunsill biex eventwlament jintghazel l-ahjar offerent.

Jirrizulta illi r-rikorrent, meta kkomunika mal-kunsilliera riepttivi, ossija Jesmond Mugliette u Lawrence Ciantar, ghadda id-dokumentazzjoni tat-tenders lilhom, fejn Mugliette kellu jevalwa l-offerti tal-'bins' filwaqt illi Ciantar kellu jevalwa l-offerti tal-'benches'.

Jirrizulta illi Ciantar ha l-offerti illi nghaddewlu d-dar tieghu minflok ma hallihom gewwa l-Ufficji tal-Kunsill Lokali kif kellu jsir.

Jirrizulta illi fl-20 ta' Jannar 2010, wara illi l-karika tar-rikorrent kienet gia intemmet, l-intimat Mario Calleja kien gie mgharraf mill-Agent Segretarju li kien qieghed ihejji l-laqgha tal-21 ta' Jannar 2010, illi mill-ghaxar offerti illi kienu saru ghat-tenders, tnejn minnhom kienu nieqsa.

Jirrizulta illi wara li ghamlu l-indagini necessarji, saru jafu illi dawna z-zewgt offerti kienu fil-pussess personali ta' Lawrence Ciantar, peress illi kien thalla johroghom mill-ufficini tal-Kunsill Lokali mir-rikorrent.

Jirrizulta li, bhala konsegwenza ta' dina l-kwistjoni kollha, il-kaz gie riferut mill-intimat Mario Calleja lid-Direttur tal-Kunsill Lokali, is-Sur Natalino Attrad, permezz ta' email mibghuta lilu fil 21 ta' Jannar 2010, jigifieri dakinhar illi kienet ser issir il-laqgha biex jigu diskussi l-offerti fuq it-tenders, bil-ghan illi jinghata direzzjoni dwar x'kellu jaghmel f'dan it-tender peress illi, kif stqarr l-istess Calleja "*jien inhoss li l-lejla jiena m'ghandhix nghaddi ghall-agudikazzjoni ta' din it-tender 2009/06 peress li fl-opinjoni tieghi dan il-process huwa diga imbaghbas*".

Jirrizulta illi dakinhar stess, id-Direttur tad-Dipartment tal-Kunsilli Lokali Natalino Attard gharraf lill-intimat Mario Calleja illi l-process kollha ghall-offertu "*ghandu jieqaf minnufih peress illi fl-imsemmi process kien hemm cirkostanzi li rrendewh ivvizzjat*".

Jirrizulta illi l-istess Direttur kompla jghid is-segwenti:

> *"Peress li hu l-obbligu legali tas-Segretarju Ezekuttiv li jassikura l-kustodja tal-assi kollha tal-Kunsill, inkluz id-dokumenti, u li jara li tali dokument ma jinhargux mill-ufficini tal-Kunsill (jekk mhux fuq ordni tal-Qorti jew awtorita kompetenti ohra), ir-responsabbilta' ewlenija ta' dan in-nuqqas hu tas-Segretarju Ezekuttiv li ta l-istess dokument originali lill-wiehed mill-Kunsilliera".*

Jirrizulta illi fil-laqgha tal-Kunsill Lokali illi saret dakinhar stess, jigifieri fil 21 ta' Jannar 2010, l-intimat qara kemm l-email illi huwa kien baghat lill Natalino Attard kif ukoll l-ittra ta' direzzjoni ta' l-istess Natalino Attard u dawna gew ippresentati lill-Kunsill.

Jirrizulta illi l-Kunsill Lokali, wara li kkunsidra l-fatti kollha ghadda biex jikkonkludi illi

> *"Kien hemm qbil unanimu li n-nuqqas kien min-naha ta' ex Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Caruana"*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fil-harga tal-Mument illi giet ippubblikata fl-24 ta' Jannar 2010, l-email illi baghat Mario Calleja lill-Natalino Attard fil-21 ta' Jannar 2010, fuq imsemmija, u minnu moqrija fil-laqgha pubblika tal-Kunsill, giet ippubblikata filwaqt illi gie indikat li, rizultat ta' dina l-problema, il-process tat-tender twaqqaf.

Jirrizulta illi fil-harga tal-Mument illi giet ippubblikata fil 31 ta' Jannar 2010, il-gurnal kompla fuq l-istorja tal-gimgha li ghaddiet fejn ippubblikat ittra ta' l-intimat li baghat wara l-artikolu

tal-gimgha li ghaddiet, fejn l-istess Calleja spjega l-fatti kollha tal-kaz filwaqt illi sahaq li kien hareg car li r-rikorrent kien naqas fl-obbligi tieghu, liema nuqqas wassal sabiex it-tender ma jigix aggudikat.

Jirrizulta illi, mix-xhieda kollha prodotta mir-rikorrent, inkluz il-varji istanzi meta xehed, imkien ma ikkontesta l-fatt illi kien attwalment minnu illi d-dokuemntazzjoni originali ta' l-offerti inhargu 'l barra mill-ufficini tal-Kunsill Lokali Marsaskala u kienu fil-pussess ta' Kunsillier, ghalkemm tali dokumentazzjoni qatt ma messhom inhargu mill-ufficini tal-Kunsill Lokali.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, fil-kaz odjern, hia rinfaccjata minn zewgt linji difensjonali, miz-zewgt intimati, ossija Mario Calleja u Victor Camilleri.

Mario Calleja stqarr illi huwa kellu jigi liberat mil-osservanza tal-gudizzju peress illi ma hhuwiex l-awtur ta' l-artikoli meritu tal-kaz odjern filwaqt illi sahaq illi dak hemm rappurtat huwa l-verita' tal-fatti.

Victor Calleja, mill-banda l-ohra, stqarr illi  dak minnu pubblikat kien privileggjat abbazi ta' l-Artikolu 12A u 33 (b) tal-Kap 248 filwaqt illi sahaq kien dmir tieghu illi jirrapporta lill-pubbliku dak illi qed isir.

Ikun ghalhekk opportun illi jigi evalwati d-difizi differenti.

L-ewwel u qabel kollox, jigi rilevat illi ghalkemm l-eccezzjoni illi huwa ma huwiex l-awtur ta' l-artiklu huwa korrett ghal dak illi jirigwarda l-ewwel artiklu tal-24 ta' Jannar 2010, dana, madanakollu, ma japplikax ghat-tieni artikolu, din id-darba tal-31 ta' Jannar 2010, peress illi ttali artikolu huwa riproduzzjoni ta' ittra illi l-istess Calleja kiteb lill-intimat Victor Camilleri, bhala editur tal-gurnal 'Il-Mument' wara l-artikolu illi kien deher.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni ta' Mario Calleja tapplika biss ghall-artikolu tal-24 ta' Jannar 2010 u mhux ghall-artikolu tal-31 ta' Jannar 2010.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Victor Camilleri hija illi dak minnu rappurtat kien privileggjat abbazi ta' l-Artikolu 33 (b) tal-Kap 248.

Dana l-artikolu jipprovdi dan li gej:

> *Ma tista' tittieħed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li ġejjin:*
>
> *(b) pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'komunikazzjonijiet bejn uffiċjali pubbliċi, jew bejn uffiċjali u kuntratturi bħal dawk tas-servizz pubbliku jew uffiċjali ta' korporazzjonijiet pubbliċi, rapporti ta' inkjesti magħmula skont kull liġi, jew dikjarazzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi magħmula in bona fede fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali, inkolumità pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, jew għall-ħarsien tas-saħħa jew morali;*

Issa jirrizulta illi fl-artikolu tal-24 ta' Jannar 2010, l-intimat Camilleri kien ippubblika in intjier kif ukoll kien ippubblika ritratt ta' l-email illi l-intimat Mario Calleja kien baghat lid-direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ta' dak iz-Zmien, Dr Natalino Attard, fil 21 ta' Jannar 2010.

Jirrizulta bla ebda dubju illi kemm l-intimat Mario Calleja kif ukoll Natalino Attard it-tnejn huwa ufficjali pubblici u l-korrespondenza skambjata bejnhom u ippubblikata mill-intimat Camilleri fil-harga tal-24 ta' Jannar 2010 hija "*komunikazzjoni bejn ufficjali pubblici*" kif tistabilixxi l-Artikolu 33 (b) tal-Kap 248, u ghalhekk il-pubblikazzjoni taghha ghandha tkun ezenti minn kwalsiasi azzjoni, bir-rizultat illi tali difiza kif imressqa tapplika ghall-artikolu tal-24 ta' Jannar 2010. L-istess ma jistax jinghad ghall-artikolu tal 31 ta' Jannar 2010, fejn il-pubblikazzjoni kienet wahda differenti.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni ta' Victor Camilleri tapplika biss ghall-artikolu tal-24 ta' Jannar 2010 u mhux ghall-artikolu tal-31 ta' Jannar 2010.

L-istess japplika ghat-tieni eccezzjoni ta’ Camilleri, fejn jistqarr illi dak minnu ppubblikat huwa kopert bil-privilegg kwalifikat a tenur ta’ l-Artikolu 24A tal-Kap 248

Tali artikolu jipprovdi illi:

> *Fi proċeduri meħuda in forza ta’ dan l-Att tkun difiża għall-editur jew għar-responsabbli għall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f’rapport preċiz ta’ diskors li sar f’avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta’ dak id-diskors se jiġi pubblikat f’gazzetta jew f’mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni tal-istess diskors kienet raġonevolment ġustifikabbli f’soċjetà demokratika.*

Jirrizulta car illi dak irrappurtat fl-artikolu tal-24 ta’ Jannar 2010 huwa rappurtagg ta’ dak illi attwalment sehh fil-laqgha tal-Kunsill Lokali ta’ Masraskala fil 21 ta’ Jannar 2010, u ghalhekk ir-rappurtagg tieghu huwa kopert mill-privilegg kwalifikat. Madanakollu, kif intqal ukoll ghall-eccezzjoni precendenti, dana japplika biss ghall-artikolu tal 24 ta’ Jannar 2010, peress illi l-kontenut ta’ l-artikolu tal-31 ta’ Jannar 2010 kien diferenti.

Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni ta’ Victor Camilleri tapplika biss ghall-artikolu tal-24 ta’ Jannar 2010 u mhux ghall-artikolu tal-31 ta’ Jannar 2010.

**Ikkunsidrat**

Tenut kont tal-fatt illi l-eccezzjonijet ta’ natura preliminari gew hawn ikkunsidrati, wiehed irid issa jghaddi biex jikkunsidra l-eccezzjoni principali taz-zewgt intimati, ossija dik tal-vertita’ tal-fatti.

Kif Qalet il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Axel Springer AG**,

> *79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog".*
>
> *80. This duty extends to the reporting and commenting on court proceedings which, provided that they do not overstep the bounds set out above, contribute to their publicity and are thus consonant with the requirement under Article 6 § 1 of the Convention that hearings be public. It is inconceivable that there can be no prior or contemporaneous discussion of the subject matter of trials, be it in specialised journals, in the general press or amongst the public at large. Not only do the media have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. (sottolinear ta' dina l-Qorti)*

Hija ghalhekk korretta l-eccezzjoni ta' l-intimat Camilleri fejn jistqarr illi huwa ghandu dmir lejn is-socjeta jxandar dawk l-ahbarjiet li jidhrulu necessarji, madanakollu l-Qorti tirrileva illi dana japplika sakemm jigi assikurat li r-reputazzjoni tal-persuna tigi protetta minn kritika ingusta, liema kritika, madakollu, hija soggetta ghall-livelli differenti, l-oghla wahda minnhom hija applikabbli ghall-politici, imbghad tinzel grad ghal dak li jirrigwarda ufficjali pubblici u tonqos konsiderevolment fejn jigu kritikati persuni privati, f'liema kaz il-livell ta' kritika irid ikun tali illi huwa gust u li ma jaghmilx hsara lir-reputazzjoni tieghu.

Fil-kaz **Janowski vs Poland** deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil 21 ta' Jannar 1999, intqal illi ufficjal pubbliku ghandu jitqies kif gej:

> *"acting in an official capacity are, like politicians, subject to the wider limits of acceptable criticism. Admittedly those limits may in some circumstances be wider with regard to civil servants exercising their powers than in relation to private individuals. However, it cannot be said that civil servants knowingly lay themselves open to close scrutiny of their every word and deed to the extent to which politicians do and should therefore be treated on an equal footing with the latter when it comes to the criticism of their actions [...] civil servants must enjoy public confidence in conditions free of undue perturbation if they are to be successful in performing their tasks and it may therefore prove necessary to protect them from offensive and abusive verbal attacks when on duty".*

Tali principju gie ri-kkonfermat fil-kawza **Novaya Gazeta v Voronezhe vs Russia** deciza fl-20 ta' Gunju 2011 fejn inqat illi

> *civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual (see, mutatis mutandis, Janowski v. Poland [GC], no. 25716/94, § 33, ECHR 1999-I).*

Fil-kaz odjern, huwa fatt mhux kontestat illi r-rikorrent huwa ufficjal pubbliku, u dana billi kien Segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala u illum il-gurnata huwa Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Bormla.

Huwa fatt mhux kontestat ukoll illi l-kritika illi kienet qed issir fil-konfront tar-rikorrenti miz-zewgt intimat kienet kritirka rizultanti minn azzjoni illi l-istess rikorrent, bhala Segretarju Ezekuttiv, kien ha, fejn halla dokumentazzjoni originali tinhareg mill-ufficini tal-Kunsill Lokali, meta huwa kellu obbligu jassikura illi d-dokumentazzjoni ufficjli tal-Kunsill ma jinhargux mill-Ufficini, kif del resto ikkonferma Natalino Attard fl-Ittra ta' Direzzjoni illi huwa kien baghat lill-intimat Mario Calleja wara rapport illi huwa kien ghamel.

Huwa fatt mhux kontestat ukoll illi rizultat ta' tali nuqqas, it-tender li tieghu kienu inhargu d-dokumentazzjoni ufficjali barra mill-ufficini tal-Kunsill, twaqqaf rizultat ta' tali rregolarita' u l-persuna li attwalment kien hareg tali dokumentazzjoni, ossija Lawrence Ciantar, ikkonferma illi tali dokumentazzjoni kienet inghaddielu mir-rikorrent, bhala Segretarju Ezekuttiv, u l-istess rikorrent ma kienx gharrfu illi ma setax johrog dawna d-dokumenti mill-ufficju, fatt illi l-istess Ciantar sar jaf biss wara, meta gie mgharraf bl-izball illi kien sar.

Huwa ghalhekk mhux ikkontestat illi l-fatti li dwaru kien qieghed jilmenta l-intimat Calleja fl-ittra tieghu lill Camilleri u pubblikata fil 31 ta' Jannar 2010 huma lkoll veri.

Ghalhekk, tenut kont tal-fatt illi l-fatti tal-kaz jirrizultaw veri u illi r-rikorrent, bhala ufficjal pubbliku, huwa soggett ghall-skrutinju oghla minn dik ta' persuna pubblika, il-kritika illi kienet qed issir kienet wahda gusta u permissibbli fil-Ligi u certament ma kienetx intiza sabiex timmalafama lir-rikorrent, izda kienet intiza sabiex ic-cittadin ikun mgharraf bl-aktar mod trasparenti bl-operat tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala u tal-problemi amministrattivi illi kienet rinfaccjat u li wasslet ghall-problemi fl-oghti ta' tender partikolari.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi dina l-vertenza billi

Tilqa l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati, ghar-ragunijeit fuq deskritti, u ghalhekk

Tichad it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------